MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 12/2010

Paul Spiteri

vs

Noel Attard

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-26 ta’ Marzu 2010, li jghid hekk :-

‘Tghid il-ghaliex inti kovenut m’ghandekx tkun ikkundannat li thallas lill-konvenut is-somma ta’ elf mja u dsatax –il Euro u erbgha u sittin centezmi (€1,119.64), liema ammont huwa dovut versu xogholijiet ta’ kostruzzjoni ta’ opramorta u zewg faccati ta’ kamra f’75, Ta Regina, Triq Ta’ Wara S-Sur, Rabat ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali spedita lilek, kif ukoll bl-imghax fuq

l-imsemmi ammont mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data ta' l-effettiv pagament ;

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fl-20 ta' April 2010, eccepixxa :-

'Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-attur, ghaliex l-ammont pretis mill-attur huwa wiehed gonfjat u esagerat ;

L-esponenti jaqbel illi ghandu jithallas ghall-provvista tal-gebel, u l-uzu tal-crane, izda x-xoghol illi wettaq l-attur kellu jithallas bil-gurnata u mhux bil-kejl ;

Difatti l-attur certament illi ma ghamilx hin ta' xoghol tali illi jiggustifika l-ammont illi qed jitlob minghand il-konvenut u di piu' l-konvenut personalment wettaq xoghol ta' ghajnuna lill-attur waqt illi dan kien qed iwettaq ix-xoghol – ghal liema xoghol l-attur ma ghamel ebda *allowance* fl-ammont mitlub minnu ;

Ghalhekk l-ispejjez ta' dan l-avviz ghandhom jigu akkollati interament lill-attur ;

Salvi eccezzjonijiet ohra ;

Bl-ispejjez.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra l-verbal tat-23 ta' Lulju 2010, fejn il-konvenut hallas lill-attur l-pagament ta' sitt mija u hames Euro (€605), ammont li huwa ma kienx qed jikkontesta li jhallas, liema hlas gie accetta mill-attur bla pregudizzju ghall-hlas tal-bilanc ta' hames mija u erbatx-il Euro u erbgha u sittin centezmi (€514.64) ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din hi kawza ta’ reklam semplici ta’ flus ghal xoghol tal-bini li l-attur kien gie mqabbad li jagmel mill-konvenut fil-*farmhouse* tieghu “Ta’ Regina”, fi Triq Ta’ Wara s-Sur, Rabat, Ghawdex. Il-negozju intervenut bejn il-kontendenti kien dik il-forma ta’ lokazzjoni d’opera li tissejjah appalt. Hu maghruf li l-*locatio operis* tista’ tkun ta’ xorta tali li fiha l-artigjan jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma anki l-materjal, kif kien f’ dan il-kaz. Issa, meta huwa hekk, il-generalita’ tad-dottrina u l-gurisprudenza tara f’kuntratti simili affinita’ mal-kuntratt tal-bejgh (ara **Romeo Dougall vs Michele Camilleri**, Qorti Tal-Kummerc, 22 ta’ Marzu 1950, u l-awturi hemm citati). Dan ix-xoghol esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut kien jikkonsisti bil-bini ta’ zewg hitan ta’ kamra fit-tieni sular u l-opramorta tal-kamra, bini ta’ cint tal-gebel fit-terrazzin, u l-bini tal-opramorta fuq il-bejt. Il-partijiet ma jaqblux dwar il-hlas jew il-prezz tax-xoghol li sar mill-attur. Filwaqt li l-attur jippretendi li tax-xoghol li ghamel huwa ghandu jithallas skond il-kejl, il-konvenut jippretendi li jhallas lill-attur skond is-sieghat tax-xoghol li ghamel ghandu oltre l-prezz tal-gebel u l-kiri jew l-uzu tal-crane ;

Il-kwistjoni f’dan il-kaz mhijiex proprjament jekk l-attur ghadx ghandu jiehu xi bilanc minghand il-konvenut tax-xogholijiet li ghamel, jew *invece* jekk giex gia` gustament imhallas taghhom bil-hlasijiet li rcieva minghand il-konvenuti Noel Attard fil-mori tal-kawza.Il-kwistjoni hi biss jekk bejn l-attur u l-konvenut sarx il-ftehim dwar il-mod tal-hlas pretis mill-attur, u cjoe’ jekk bejn il-partijiet kienx hemm il-ftehim li l-attur jithallas skond il-kejl tax-xoghol minnu esegwit bir-rati kurrenti jew jekk kellux jithallas bil-gurnata skond in-numru ta’ sieghat li ghamel ghand il-konvenut. Peress li din hi kwistjoni purament ta’ apprezzament tal-provi, huwa essenzjali li dawn jigu meqjusa bl-akbar reqqa, biex jinghata lilhom dak il-piz li verament jimmeritaw. Huwa essenzjali wkoll li jigi allokat sewwa l-*onus probandi*. Fuq dan il-punt xehedu z-zewg partijiet. L-attur stess iddikjara li ftehim dwar kif kellu jithallas tax-xoghol li gie mqabbad li jaghmel mill-konvenut

ma sarx, izda pero’ li kieku kien jaf bil-hsieb tal-konvenut li jhallsu skond in-numru ta’ sieghat ta’ xoghol li jaghmel ghandu, hu ma kienx jaccetta li jidhol ghal din il-bicca tax-xoghol. Minn naha l-ohra il-konvenut jppretenda li l-ghaliex hu kien qal lill-attur li ghandu tliet ijiem u nofs xoghol tal-gebel li riedu jigi jaghmillu fil-*farmhouse* tieghu, fehem li l-attur meta accetta li jmur jaghmillu dan x-xoghol, kien accetta li ser jithallas tieghu bil-gurnata. Dan it-Tribunal hu tal-fehma illi l-piz tal-prova dwar il-ftehim li sar imiss lil min allegah, u cioe’ lill-konvenut f’dan il-kaz billi l-attur iddikjara li huwa m’ghamel ebda ftehim minn qabel dwar hlas, u wara li qieset u gharblet sewwa l-provi kollha jidhrilha li dan il-piz ma giex soddisfacentement dizimpenjat ;

Kif gie osservat drabi ohra, “japplika f’dan il-kaz id-detto taljan “patti chiari, amicizia lunga”. Altrimenti jsir aktar difficli ghal min jaghti l-inkariku li hu jipprova li hu ghandu jaghti anqas minn dak mitlub minn ghandu” (ara **Stuart Craig nomine vs Paul Debono nomine**, Qorti tal-Appell, 29 ta’ April 1996). Illi hi materja ta’ prattika kummercjali u ta’ gurisprudenza, li ssib il-bazi taghha fil-buon sens u fl-ekwita’, illi meta l-bejjiegh u x-xerrej ma jsemmux prezz vwoldiri li qeghdin jirrimettu ruhhom ghall-prezz gust. Fil-kaz prezenti, dan il-principju jsib b’analogija l-applikazzjoni tieghu, galadarba l-appalt kien jikkomprendi l-fornitura tal-materjal mill-imprenditur tax-xoghol, u ghalhekk jixbah il-bejgh (ara **Caruana noe vs Anastasi noe**, Qorti Tal-Kummerc, 3 ta’ April 1925, per Imhallef Dr. Alfredo Parnis). Hu pacifiku li fil-kaz prezenti ma kien hemm ebda ftehim fuq il-prezz. M’hemmx dubbju pero’ li l-attur ghandu jithallas, naturalment skond il-haqq. Dan it-Tribunal jifhem il-preokkupazzjoni tal-konvenut ghall-ispiza xejn mahsuba li kellu jassorbi ghax-xoghol ta’ kostruzzjoni fil-fond tieghu. Minn naha l-ohra huwa kellu japprezza wkoll li kien fl-interess tieghu, permezz ta’ kontroll preventiv adegwat, illi jassikura diligentement illi l-ispejjez ma jilhqux il-livell li kien jissupera l-aspettativa tieghu ;

Ghalhekk hu necessarju li jigi stabbilit il-prezz gust tax-xoghol li ghamel l-attur, kompriza l-fornitura tal-materjal. Din hi sitwazzjoni perfettament possibbli u legali, u hi

espressament vizwalizzata mill-ligi fl-artikolu 1624 tal-Kap.16 li jghid li 'jekk il-hlas (ta' appalt) mhux stabbilit fil-ftehim, jew b'ligi jew b'uzu, jigi meqjus mill-Qorti bi stima ta' periti, jew ukoll minghajr din l-istima, skond ic-cirkustanzi.' (ara **Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil**, Qorti Civili Prim'Awla, 28 ta' Mejju 2003). Billi d-differenza li dwarha mhumiex jaqblu l-partijiet hija biss ta' hames mija u erbatax-il Euro u erbgha u sittin centezmi (€514.64), dan it-Tribunal ma jarahiex vallapena li jinnomina perit tekniku biex jaghmel stima tax-xoghol li sar mill-attur. Dan it-Tribunal iqis fic-cirkostanzi li t-talba tal-attur ghall-hlas tal-bilanc ta' €514.64 ghandha tigi moderata. Inghad li  ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke' fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva fejn il-provi fir-rigward tal-valutazzjoni mitluba ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji (ara  **Charles Attard vs Carmela Frendo et**, Qorti Civili Prim'Awla, 31 ta' Jannar 2003 ; **Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co. Ltd.**, Qorti Civili Prim'Awla, 13 ta' Ottubru 2004). Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal qed jiffissa *arbitrio boni viri* hlas oltre dak li gia' rcieva l-attur minghand il-konvenut ammont ulterjuri ta' tliet mitt Euro (€300) wara li qies ukoll li l-konvenut ta daqqa t'id ukoll fix-xoghol esegwit mill-attur u ma jara ebda raguni l-ghaliex l-attur kellu jerga' jitlob hlas ulterjuri ta' hamsa u erbghin Euro (€45) talli l-haddiema tieghu tellghu parti mill-gebel fuq il-bejt billi jqisu li dan ix-xoghol kien gia' nkluz fir-rata tal-kejl bil-qasba fit-tpoggija tal-istess gebel ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' disa' mija u hames Euro (€905), liema ammont jinkludi l-pagament ta' sitt mija u hames Euro (€605) li gia' rcieva l-attur fil-mori tal-kawza, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-bilanc ta' tlett mitt Euro (€ 300), bl-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament ;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom fic-cirkostanzi jigu sopportati kwantu ghal tliet kwinti (3/5) mill-konvenut u zewg kwinti (2/5) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------